**63. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Edward Fenech Adami jipproponi**:

Billi fis-26 ta' Lulju, 1976, dan il-Parlament approva l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali wara li l-Gvern Laburista dam ħames snin sħaħ biex iressaq din il-Liġi għalkemm fil-Programm Elettorali tiegħu ta' l-1971 kien wiegħed il-liġi dwar ir-relazzjonijiet industrijali bħala waħda mill-ewwel miżuri li kellu jieħu.

Billi għalkemm l-istess liġi bdiet isseħħ fl-1 ta' Frar, 1977, sal-lum għadu ma ġiex imwaqqaf la t-Tribunal Industrijali imsemmi fl-artiklu 26 u lanqas il-Joint Negotiating Council imsemmi fl-artiklu 25 ta' l-istess liġi.

Billi l-Gvern ripetutament naqqas mill-benefiċċji u d-drittijiet tal-ħaddiema mingħajr konsultazzjoni xierqa mat-trade unions ħielsa.

Billi d-dritt tal-ħaddiema li jieħdu azzjoni industrijali fuq direttivi tat-trade unions qiegħed jiġi kontestat mill-Gvern u minn Korpi Parastatali u mill-Banek kontrollati minnu billi qed jittieħdu miżuri ħarxa kontra ħaddiema li jobdu l-Union tagħhom.

Billi l-Partit fil-Gvern qed jagħmel minn kollox biex jibla' u jifga l-GWU billi jrid jistituzzjonalizza għaqda bejnha u l-MLP.

U billi dan kollu juri li l-Gvern bil-fatti ma jemminx fil-bżonn u fid-dritt ta' Trade unions ħielsa.

Din il-Kamra m'għandhiex fiduċja fil-Gvern.

04.07.1977